

## II

(Attī mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1024

tal-24 ta' Ġunju 2016

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tīgħi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regolari dwar il-welfare tal-annimali (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(5) u 63(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 (²) jistipula r-regoli dwar iż-żieda fil-livell ta' kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel li ma jorġinax mill-annimali elenkat fl-Anness I tiegħu ("il-lista"), fil-punti tad-dħul fit-territorji msemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.
- (2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-lista għandha tiġi riveduta fuq bażi regolari, u tal-anqas kull tliet xħur, filwaqt li jitqiesu mill-inqas is-sorsi tal-informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.
- (3) L-esperjenza li nkisbet matul dawn l-aħħar sitt (6) snin uriet li huwa xieraq li jiġi stipulat tnaqqis fil-frekwenza tal-inadempjenza tar-reviżjonijiet tal-Anness I għal skeda ta' darbejn fis-sena, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li l-Kummissjoni tirrevedi l-lista aktar spiss fejn dan huwa meħtieġ. Din is-simplifikazzjoni hija mistennija li ttejjeb l-efċċienza, filwaqt li żżomm il-karatteristiċi ewleni u l-għanijiet tar-Regolament. It-tnaqqis fil-frekwenza tal-inadempjenza tar-reviżjonijiet tal-Anness I għal skeda ta' darbejn fis-sena għandu jiġi kkumplementat minn bidla korrispondenti fil-frekwenza tar-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jissottomettu r-rapporti tagħhom darbejn fis-sena.
- (4) L-okkorrenza u r-rilevanza tal-inċidenti riċenti dwar l-ikel li ġew innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf, is-sejbiet tal-awditi mwettqa f'pajjiżi terzi mid-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, kif ukoll ir-rapporti ta' kull tliet xħur dwar il-konsenji tal-għalf u tal-ikel mhux ta' oriġini mill-annimali ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li l-lista trid tiġi emdata.
- (5) B'mod partikolari, għal konsenji ta' ġellewż li jorġina mill-Georgia, is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni jindikaw l-emerġenza ta' riskji ġoddha li jirrikjedu l-introduzzjoni ta' livell miżjud ta' kontrolli uffiċjali. Għaldaqstant, fl-elenku għandha tiddaħħal entrata rigward dawn il-konsenji.

(¹) ĠUL 165, 30.4.2004, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Luuju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠUL 194, 25.7.2009, p. 11).

- (6) Il-lista tenħtieġ li tiġi emendata wkoll billi jitħassru l-entrati tal-prodotti li dwarhom l-informazzjoni disponibbli turi grad sodisfaċenti ġeneral ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti tas-sikurezza previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalhekk livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuqhom ma għadux ġustifikat. Għaldaqstant, l-entrati fil-lista dwar l-għeneb imnixxef mill-Afganistan u l-lewż mill-Australja jenħtieġ li jitħassru.
- (7) Sabiex ikunu żgurati l-konsistenza u c-ċarezza, huwa xieraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (8) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Il-lista tal-Anness I għandha tiġi riveduta regolarment, u mill-inqas darbtejn fis-sena.”

- (2) Fl-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Huma għandhom jissottomettu rapport darbtejn fis-sena sa tmiem ix-xahar ta' wara kull semestru.”

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

## ANNESS

## "ANNESS I

**Għalf u ikel li ma joriġinax mill-annimali soġġetti għal żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjal fil-punt tad-dħul magħżul**

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċi u tal-identità (%)
— Fażola twila jarda <i>(Vigna unguiculata spp. sesquipedalis)</i>	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>10</b> <b>10</b>	<b>Il-Kambodja (KH)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(3)</sup>	50
— Brunġiel	— 0709 30 00; ex 0710 80 95	<b>72</b>			
<b>(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew ifriżat)</b>					
Karfus Ċiniż ( <i>Apium graveolens</i> ) <b>(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0709 40 00	<b>20</b>	<b>Il-Kambodja (KH)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(4)</sup>	50
Brassica oleracea (Brassika oħra li tittiekel, "Brokkoli Ċiniż") <sup>(5)</sup> <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0704 90 90	<b>40</b>	<b>Iċ-Ċina (CN)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup>	50
Te, kemm jekk imħawwar jew le <b>(Ikel)</b>	0902		<b>Iċ-Ċina (CN)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(6)</sup>	10
— Fażola twila jarda <i>(Vigna unguiculata spp. sesquipedalis)</i>	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>10</b> <b>10</b>	<b>Ir-Repubblika Dominicana (DO)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(7)</sup>	20
— Bżar (ħelu u mhux) ( <i>Capsicum spp.</i> )	— 0709 60 10; 0710 80 51				
<b>(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew ifriżat)</b>	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>			
Frawli <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	0810 10 00		<b>L-Eğġittu (EG)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(8)</sup>	10
Bżar (ħelu u mhux) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— 0709 60 10; 0710 80 51		<b>L-Eğġittu (EG)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(9)</sup>	10
— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>				
— Karawett bil-qoxra	— 1202 41 00		<b>Il-Għambja (GM)</b>	Aflatossini	50
— Karawett bla qoxra	— 1202 42 00				

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (¹)	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċiċi u tal-identità (%)
— Butir tal-karawett — Karawett ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
<b>(Għalf u ikel)</b>					
— ġellewż bil-qoxra — ġellewż bla qoxra	— 0802 21 00 — 0802 22 00		<b>Il-Georgia (GE)</b>	Aflatossini	20
<b>(Ikel)</b>					
Żejt tal-palm <b>(Ikel)</b>	1511 10 90; 1511 90 11; ex 1511 90 19; 1511 90 99	<b>90</b>	<b>Il-Ghana (GH)</b>	Żebgħat tas-Suda (¹⁰)	50
Żerriegħha tal-ġulġien <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	1207 40 90		<b>L-Indja (IN)</b>	Salmonella (¹¹)	20
Enzimi; enzimi ppreparati <b>(Għalf u ikel)</b>	3507		<b>L-Indja (IN)</b>	Kloramfenikol	50
Piżelli fil-miżwed (mhux imfodqa) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0708 10 00	<b>40</b>	<b>Il-Kenja (KE)</b>	Residwi tal-pestiċidi (²) (¹²)	10
— Karawett bil-qoxra — Karawett bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		<b>Il-Madagas-kar (MG)</b>	Aflatossini	50
<b>(Għalf u ikel)</b>					
Lampun <b>(Ikel — iffrizat)</b>	0811 20 31; ex 0811 20 11; ex 0811 20 19	<b>10</b> <b>10</b>	<b>Is-Serbja (RS)</b>	Norovajrus	10
Żrieragħ tad-dulliegħ ( <i>Egusi</i> , <i>Citrullus</i> spp.) u l-prodotti li ġejjin minnhom	ex 1207 70 00; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99	<b>10</b> <b>30</b> <b>50</b>	<b>Sierra Leone (SL)</b>	Aflatossini	50
<b>(Ikel)</b>					

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċiċi u tal-identità (%)
— Karawett bil-qoxra	— 1202 41 00				
— Karawett bla qoxra	— 1202 42 00				
— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
— Karawett ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
<b>(Għalf u ikel)</b>					
Bżar (minbarra dak ġelu)( <i>Capsicum</i> spp.) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0709 60 99	<b>20</b>	<b>It-Tajlandja (TH)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> ( <sup>(13)</sup> )	10
— Fażola twila jarda ( <i>Vigna unguiculata</i> spp. <i>sesquipedalis</i> )	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>10</b> <b>10</b>	<b>It-Tajlandja (TH)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> ( <sup>(14)</sup> )	20
— Brunġiel	— 0709 30 00; ex 0710 80 95	<b>72</b>			
<b>(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew ifriżat)</b>					
— Berquq imnixxef	— 0813 10 00				
— Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 50 61				
<b>(Ikel)</b>					
Lumi ( <i>Citrus limon</i> , <i>Citrus limonum</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew imnixxef)</b>	0805 50 10		<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup>	10
Bżar Ħelu ( <i>Capsicum annuum</i> )	0709 60 10; 0710 80 51		<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> ( <sup>(16)</sup> )	10
<b>(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew ifriżat)</b>					
Weraq tad-dielja <b>(Ikel)</b>	ex 2008 99 99	<b>11; 19</b>	<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> ( <sup>(17)</sup> )	50
— Pistaċċi bil-qoxra	— 0802 51 00				
— Pistaċċi bla qoxra	— 0802 52 00				
<b>(Ikel)</b>					

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiziċċi u tal-identità (%)
— Berquq imnixxef	— 0813 10 00		<b>L-Użbekistan (UZ)</b>	Sulfiti <sup>(15)</sup>	50
— Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 50 61				
<b>(Ikel)</b>					
— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	<b>72</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pes- ticidi <sup>(2)</sup> (18)	50
— Ħabaq u ħabaq sagru	— ex 1211 90 86;  ex 2008 99 99	<b>20</b>  <b>75</b>			
— Nagħniegħ	— ex 1211 90 86;  ex 2008 99 99	<b>30</b>  <b>70</b>			
— Tursin	— ex 0709 99 90	<b>40</b>			
<b>(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)</b>					
— Okra	— ex 0709 99 90	<b>20</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pes- ticidi <sup>(2)</sup> (18)	50
— Bżar (minbarra dak ġelu)( <i>Capsicum</i> spp.)	— ex 0709 60 99	<b>20</b>			
<b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>					
— Pitahaja (frott tad-dragun)	— ex 0810 90 20	<b>10</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pes- ticidi <sup>(2)</sup> (18)	20
<b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>					

(<sup>1</sup>) Meta jkun meħtieġ li jiġi eżaminati biss ċerti prodotti li jidħlu taħt kwalunkwe kodiċi NM u ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni speċifika f'dak il-kodiċi, il-kodiċi NM jiġi immarkat bl-ittri "ex" quddiemu.

(<sup>2</sup>) Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċidi elenkti fil-programm ta' kontroll adottat skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u ghafli li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġi analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija ta' massa (GC-MS), u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwidha/spettrometrija tal-massa (LC-MS) (il-pestiċidi jridu jiġi ssorveljati fil-prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew fuqhom biss).

(<sup>3</sup>) Ir-residwi tal-Klorbufam.

(<sup>4</sup>) Ir-residwi tal-Fentoat.

(<sup>5</sup>) Speċijiet ta' *Brassica oleracea* L. convar. *Botrytis* (L) Alef var. *Italica* Plenck, cultivar *alboglabra*. Magħrufa wkoll bħala "Kai Lan", "Gai Lan", "Gailan", "Kailan", "kejl Ċiniż", "Jie Lan".

(<sup>6</sup>) Ir-residwi tat-Trifluralin.

(<sup>7</sup>) Ir-residwi tal-Āċefat, tal-Āldikarb (is-somma tal-addikarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala aldkarb), tal-Amītraz (amītraz li jinkludi l-metaboliti li fihom il-frazzjoni ta' 2, 4, 6 -dimetilanilina mogħtija bħala amītraz), tad-Diāfentjuron, tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Ditijokarbamat (id-ditijokarbamat mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metijokarb (is-somma tal-metijokarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala metijokarb).

(<sup>8</sup>) Ir-residwi tal-Ēżafumuron, tal-Metijokarb (is-somma tal-metijokarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala metijokarb), tal-Fentoat u tat-Tijofanat metil.

(<sup>9</sup>) Ir-residwi tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prokloraz (is-somma tal-prokloraz u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta' 2, 4, 6-Triklorofenol mogħtija bħala prokloraz), tat-Tijofanat metil u tat-Triforina.

(<sup>10</sup>) Għall-fini ta' dan l-Anness, "Żebgħat tas-Sudan" tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Is-Sudan I (Numru CAS 842-07-9); (ii) Is-Sudan II (Numru CAS 3118-97-6); (iii) Is-Sudan III (Numru CAS 85-86-9); (iv) L-Aħmar Skarlat; jew Is-Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

(<sup>11</sup>) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579 jew metodu mqabbel miegħu biex jiġi vvalidat, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

(<sup>12</sup>) Ir-residwi tal-Āċefat u tad-Diāfentjuron.

(<sup>13</sup>) Ir-residwi tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluu tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), tal-Protijofos u tat-Triforina.

(<sup>14</sup>) Ir-residwi tal-Āċefat, tad-Dikrotofos, tal-Protijofos, tal-Kwinalfos u tat-Triforina.

(<sup>15</sup>) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

(<sup>16</sup>) Ir-residwi tad-Diāfentjuron, tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluu tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), u tat-Tijofanat metil.

(<sup>17</sup>) Ir-residwi tad-Ditijokarbamat (id-ditijokarbamat mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metrafenon.

(<sup>18</sup>) Ir-residwi tad-Ditijokarbamat (id-ditijokarbamat mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram), tal-Fentoat u tal-Kwinalfos."